**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2010**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 1 Il-*Media* fis-Soċjetà Maltija

**Pajjiżna huwa mogħni bi preżenza kbira ta' *media* u ta' organizzazzjonijiet li jmexxuhom. Biżżejjed ngħidu li sa issa għandna tnax-il stazzjon tar-radju bi frekwenza nazzjonali, tnejn u ħamsin stazzjon tar-radju tal-komunità u tmien stazzjonijiet tat-televixin. Dawn iċ-ċifri flimkien ifissru stazzjon għal kull 4.5 kilometru kwadru jew għal ftit anqas minn 6,000 ruħ. L-għadd ta' stazzjonijiet mistenni jiżdied b'riżultat tal-introduzzjoni tat-teknoloġija diġitali.**

**Il-*media* stampata hija abbundanti: 4 gazzetti ta' kull jum u 12 ta' darba fil-ġimgħa. Il-gazzetti jirriflettu l-kultura bilingwa tagħna, tant li huma kważi maqsuma min-nofs bejn gazzetti bl-Ingliż u oħrajn bil-Malti.**

**Ma' ħafna minnhom qed jiġu ppubblikati u mqassma b'xejn *magazines* ġeneralment *glossy* li huma ffinanzjati mill-għadd kbir ta' reklami li jkollhom. Dawn, flimkien mal-għadd ta' *magazines* oħra lokali u dawk impurtati, iwassal għal ċifra li taqbeż sew l-elf.**

*– Minn: Il-wiċċ diġitali tal-Mulej*

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- **Il-preżenza kbira tal-*media* f'pajjiżna u stazzjonijiet tar-radju u t-televixin.**
- **Il-gazzetti f'Malta.**
- **Il-*magazines*.**

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2010

**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

## (Karta tal-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 2 Belt Kapitali ta' Emerġenza

**Birkirkara fil-gwerra ma laqgħetx biss refuġjati, li marru fid-djar magħżula mill-kumitat imwaqqaf apposta mill-Gvern. Iżda l-biċċa l-kbira tan-nies ħasbuha mod ieħor u kienu huma stess, aktarx milli l-Gvern, li għażlu fejn imorru. Min seta' jikri għal rasu hekk għamel, għax il-Malti jgħid: "merqtu u ftietu" u li "ħadd ma joqgħod ma' ħadd", u għax dak iż-żmien ma tantx kien diffiċli li ssib postijiet vojta fil-kampanja, jiġifieri 'l barra mill-ibliet madwar il-port.**

**Ħafna oħrajn ippreferew li jdeffsu rashom ma' nieshom u qrabathom li kienu joqogħdu 'l bogħod miċ-ċentru tal-periklu. Iżda l-Gvern, kif kien dmiru, kellu wkoll il-pjan tiegħu, u bini pubbliku bħal skejjel, teatri, knejjes u każini, ġew imħejjija għar-refuġjati.**

**L-istorja tar-refuġjati f'Birkirkara hija waħda mill-isbaħ paġni u mill-aktar interessanti tal-ġrajja tagħha matul it-Tieni Gwerra Dinjija u Birkirkara stħoqqilha tassew l-isem li tawha matul il-gwerra: *Malta's Emergency Capital.***

*- Minn: Birkirkara fis-Seklu Għoxrin.*

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- **Kif u fejn għażlu li joqogħdu r-refuġjati f'Birkirkara fil-Gwerra.**
- **Xi ppreferew jagħmlu refuġjati oħrajn.**
- **L-importanza tal-istorja tar-refuġjati f'Birkirkara fil-Gwerra.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2010**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

## (Karta tal-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 3 Id-*Domus Romana*

**Wara l-perjodu Feniċju u Kartaġiniż waslet Malta l-era Rumana. Dan ġara meta fis-sena 218 qabel Kristu, Malta waqgħet taħt ir-Rumani u baqgħet hekk sakemm l-Imperu tagħhom sfaxxa.**

**Fost il-ħafna siti arkeoloġiċi Rumani f'Malta nsibu d-*Domus Romana* jew dar Rumana fir-Rabat, li sa ftit ilu konna nafuha bħala l-"Villa Rumana" li proprjament tfisser: dar tal-kampanja. Dan il-bini kien aktarx dar għanja fil-belt kapitali antika ta' Malta. Nafu li n-naħa tar-Rabat fejn illum hemm id-*Domus Romana* kienet tagħmel parti mill-belt antika ta' Malta msejħa *Melita.***

**Id-dar kienet żgur ta' xi sinjur, jekk mhux ukoll ta' familja b'ċertu poter mogħti mill-Imperatur Ruman innifsu, minħabba li fiha naraw mhux biss arkitettura u mużajk mill-isbaħ, imma wkoll għadd ta' statwi ta' Imperaturi u l-familjari tagħhom.**

**Oriġinali minnha llum baqa' biss il-pedamenti u l-mużajk. Fuq il-pedamenti reġgħet inbniet parti mid-dar kif ukoll sala li sservi bħala mużew b'kull tip ta' oġġetti tal-epoka.**

- ***Minn kitba ta' Martin Morana***

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- **Iż-żmien ta' Malta fl-Imperu Ruman.**
- **Domus (dar) mhux villa (tal-kampanja) għax parti mill-belt antika ta' Malta.**
- **X'juri li kienet dar tas-sinjuri.**
- **X'baqa' oriġinali u x'hemm illum.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2010**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

## (Karta tal-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 4 Sab Teżor

**Inġinier minn Newcastle fl-Ingilterra sar miljunarju bla ħsieb meta wiret garaxx b'dak kollu li kien hemm fih, mingħand zijuh anzjan li kien jgħix ħajja riservata, għalih waħdu. Dan minħabba l-fatt li fil-garaxx kien hemm karozza rari ħafna. Il-karozza *Bugatti 57S Atalante*, hi waħda minn sbatax-il waħda biss tat-tip tagħha li kienu ġew mibnija fl-1937. Kien stmat li din il-karozza kellha ġġib aktar minn tliet miljun Ewro f'irkant.**

**Minbarra din il-karozza kien hemm ukoll żewġ karozzi oħra. Waħda *Aston Martin* u l-oħra *Jaguar E-Type.* Imma m'hemmx dubju li l-attrazzjoni prinċipali tal-kollezzjonisti tal-vetturi żgur li kellha tiffoka fuq il-*Bugatti,* li kellha tkun irkantata f'Pariġi, Franza.**

**Żgur li kellu jkun hemm taqtiegħa ħarxa għall-akkwist tal-*Bugatti*, kemm mill-mużewijiet kif ukoll minn kollezzjonisti privati. Tabilħaqq iffurtunat min, bla ħsieb, spiċċa miljunarju bla tbatija ta' xejn.**

*- Minn: Il-Paċi Magħkom , Mejju 2009*

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- **Inġinier li wiret garaxx fejn kien hemm karozza Bugatti rari li tiswa fortuna.**
- **Kien hemm ukoll karozzi oħra iżda l-aktar importanti kienet il-Bugatti.**
- **Fl-irkant kellu jkun hemm taqtiegħa u l-inġinier kien iffurtunat li sar sinjur bla ħsieb.**

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2010

**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta tal-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 5 L-Ippopotamu u l-Fekruna

**Il-ferħ tal-ippopotamu rnexxielu jibqa' ħaj wara l-qerda ta' *tsunami* li ħabat fuq il-kosta tal-Kenja. Dan l-ippopotamu sar ħaġa waħda ma' fekruna tal-baħar xiħa għakka, li kellha aktar minn mitt sena.**

**Il-ferħ tal-ippopotamu, li semmewh Owen, kien inġarr mal-ilmijiet lejn il-baħar. Il-mewġ tat-*tsunami* mbagħad reġa' tellgħu lura l-art, fejn xi ħaddiema salvawh.**

**"Ħaġa li ma titwemminx," qal dak li jieħu ħsieb il-park tal-annimali li hemm fil-qrib. "L-ippopotamu addottatu fekruna tal-baħar li żgur għandha 'l fuq minn mitt sena. Tidher tassew ferħana li tkun omm Owen."**

**"Fil-fatt il-ferħ kien mitluf għal kollox meta safa mingħajr omm. Beda jfittex xi omm oħra. Il-baħar waddab lil Owen fuq il-fekruna u dan mill-ewwel rabat qalbu magħha. Allaħares min jersaq lejn il-fekruna għax isir irrabjat u aggressiv, kif jagħmlu l-frieħ tal-ippopotamu kollha biex jipproteġu lil ommhom naturali."**

- ***Minn: R+M 2000 Aw-Sett 2007.***

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- **Ferħ ta' ippopotamu jsalva f'tsunami u taddottah fekruna tal-baħar.**
- **Semmewh Owen u x'għadda minnu waqt it-tsunami**
- **X'qal dak li jieħu ħsieb il-park tal-annimali.**
- **Il-ferħ kellu bżonn omm oħra u jaqbeż għaliha daqslikieku ommu ta' veru.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2010**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 6 L-Awtobijografija

**Illum nistgħu nirrikonoxxu l-fatt li l-awtobijografija hija ġeneru għalih u jidher ċar li f'Malta dan hu tip ta' kitba li qabad ċertu ritmu.**

**Min jikteb dan it-tip ta' ktieb ikun qed jikteb fl-ewwel persuna. L-awtur ikun qiegħed jikteb dwar il-ħajja tiegħu stess. Dan ma jeskludix li ċerti ħwejjeġ mill-ħajja ta' dak li jkun jibqgħu mistura għal dejjem. Għalhekk min hu xettiku għal dan it-tip ta' kitba ma jonqosx li joħroġ dan il-punt. Hemm imbagħad min isostni li min jikteb awtobijografija jippreżenta ruħu bħala l-eroj tas-sitwazzjoni.**

**L-awtobijografija m'għandhiex x'taqsam mal-bijografija għax din tal-aħħar hija meta l-awtur jifli u jikteb fuq ħajjet ħaddieħor.**

**S'issa donnu li f'Malta l-aktar komuni hija l-awtobijografija politika. Dan it-tip ta' awtobijografija jkollu mertu akbar meta d-dokumenti ta' xi istituzzjoni, bħal gvern, ma jkunux aċċessibbli għall-istoriċi.**

***- Minn: Il-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2008.***

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- **L-awtobijografija hija ġeneru għalih.**
- **F'awtobijografija awtur jikteb fuqu nnifsu – xi kummenti oħra.**
- **Fil-bijografija awtur jikteb fuq ħaddieħor.**
- **F'Malta aktar komuni l-awtobijografija politika.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2010**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Taħdita**

## (Karta tal-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop.***

(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)

**IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI**

♦ X'inhu għalik folklor, mhux ta' Malta biss, u semmi xi aspetti folkloristiċi tal-gżejjer Maltin.
♦ F'pajjiżna għad hawn xi drawwiet jew aspetti oħra ta' folklor li għadhom ħajjin? Tkellem fuq hekk.

**J E W**

**IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA**

♦ X'tifhem b'Kultura Maltija jew Identità Maltija?
♦ Mit-tiftix li għamilt f'dan il-qasam tara differenzi bejn il-mod ta' ħajja tal-Maltin tal-lum u dawk ta' qabel? Agħti eżempji jew mill-qasam tax-xogħol, jew mill-modi differenti ta' divertiment, jew mill-mod tal-ilbies jew mod ieħor.
♦ Jekk inti dilettant tal-mużika, tkun ta' liema tip tkun, jew tal-arti jew inkella tal-isport, tkellem fuq xi ħaġa minn dawn f'Malta llum.

**J E W**

**LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA**

♦ Għid fil-qosor fi kliemek kif l-ilsien Malti sar il-lingwa li nitkellmu llum.
♦ Il-mezzi ta' komunikazzjoni jaffettwaw tajjeb jew ħażin lil-lingwa Maltija mitkellma?
♦ Taħseb li għandna bżonn indaħħlu kliem ġdid fil-Malti minħabba xejriet ġodda ta' ħajja bħal teknoloġija, sport, jew modi oħra ta' divertiment?
♦ Agħti argumenti għala taħseb li t-tagħlim ta' lingwa jew lingwi oħra għadu ta' ħtieġa għalina l-Maltin illum.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2010**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral – Qari** |
|---|---|---|

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 1 Il-*Media* fis-Soċjetà Maltija

**Pajjiżna huwa mogħni bi preżenza kbira ta' *media* u ta' organizzazzjonijiet li jmexxuhom. Biżżejjed ngħidu li sa issa għandna tnax-il stazzjon tar-radju bi frekwenza nazzjonali, tnejn u ħamsin stazzjon tar-radju tal-komunità u tmien stazzjonijiet tat-televixin. Dawn iċ-ċifri flimkien ifissru stazzjon għal kull 4.5 kilometru kwadru jew għal ftit anqas minn 6,000 ruħ. L-għadd ta' stazzjonijiet mistenni jiżdied b'riżultat tal-introduzzjoni tat-teknoloġija diġitali.**

**Il-*media* stampata hija abbundanti: 4 gazzetti ta' kull jum u 12 ta' darba fil-ġimgħa. Il-gazzetti jirriflettu l-kultura bilingwa tagħna, tant li huma kważi maqsuma min-nofs bejn gazzetti bl-Ingliż u oħrajn bil-Malti.**

**Ma' ħafna minnhom qed jiġu ppubblikati u mqassma b'xejn *magazines* ġeneralment *glossy* li huma ffinanzjati mill-għadd kbir ta' reklami li jkollhom. Dawn, flimkien mal-għadd ta' *magazines* oħra lokali u dawk impurtati, iwassal għal ċifra li taqbeż sew l-elf.**

***– Minn: Il-wiċċ diġitali tal-Mulej***

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 2 Belt Kapitali ta' Emerġenza

**Birkirkara fil-gwerra ma laqgħetx biss refuġjati, li marru fid-djar magħżula mill-kumitat imwaqqaf apposta mill-Gvern. Iżda l-biċċa l-kbira tan-nies ħasbuha mod ieħor u kienu huma stess, aktarx milli l-Gvern, li għażlu fejn imorru. Min seta' jikri għal rasu hekk għamel, għax il-Malti jgħid: "merqtu u ftietu" u li "ħadd ma joqgħod ma' ħadd", u għax dak iż-żmien ma tantx kien diffiċli li ssib postijiet vojta fil-kampanja, jiġifieri 'l barra mill-ibliet madwar il-port.**

**Ħafna oħrajn ippreferew li jdeffsu rashom ma' nieshom u qrabathom li kienu joqogħdu 'l bogħod miċ-ċentru tal-periklu. Iżda l-Gvern, kif kien dmiru, kellu wkoll il-pjan tiegħu, u bini pubbliku bħal skejjel, teatri, knejjes u każini, ġew imħejjija għar-refuġjati.**

**L-istorja tar-refuġjati f'Birkirkara hija waħda mill-isbaħ paġni u mill-aktar interessanti tal-ġrajja tagħha matul it-Tieni Gwerra Dinjija u Birkirkara stħoqqilha tassew l-isem li tawha matul il-gwerra: *Malta's Emergency Capital.***

*- Minn: Birkirkara fis-Seklu Għoxrin.*

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2010**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral – Qari |
|---|---|---|

## (Karta tal-istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 3 Id-*Domus Romana*

**Wara l-perjodu Feniċju u Kartaġiniż waslet Malta l-era Rumana. Dan ġara meta fis-sena 218 qabel Kristu, Malta waqgħet taħt ir-Rumani u baqgħet hekk sakemm l-Imperu tagħhom sfaxxa.**

**Fost il-ħafna siti arkeoloġiċi Rumani f'Malta nsibu d-*Domus Romana* jew dar Rumana fir-Rabat, li sa ftit ilu konna nafuha bħala l-"Villa Rumana" li proprjament tfisser: dar tal-kampanja. Dan il-bini kien aktarx dar għanja fil-belt kapitali antika ta' Malta. Nafu li n-naħa tar-Rabat fejn illum hemm id-*Domus Romana* kienet tagħmel parti mill-belt antika ta' Malta msejħa *Melita.***

**Id-dar kienet żgur ta' xi sinjur, jekk mhux ukoll ta' familja b'ċertu poter mogħti mill-Imperatur Ruman innifsu, minħabba li fiha naraw mhux biss arkitettura u mużajk mill-isbaħ, imma wkoll għadd ta' statwi ta' Imperaturi u l-familjari tagħhom.**

**Oriġinali minnha llum baqa' biss il-pedamenti u l-mużajk. Fuq il-pedamenti reġgħet inbniet parti mid-dar kif ukoll sala li sservi bħala mużew b'kull tip ta' oġġetti tal-epoka.**

- *Minn kitba ta' Martin Morana*

**Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral – Qari**

## (Karta tal-istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 4 Sab Teżor

**Inġinier minn Newcastle fl-Ingilterra sar miljunarju bla ħsieb meta wiret garaxx b'dak kollu li kien hemm fih, mingħand zijuh anzjan li kien jgħix ħajja riservata, għalih waħdu. Dan minħabba l-fatt li fil-garaxx kien hemm karozza rari ħafna. Il-karozza *Bugatti 57S Atalante*, hi waħda minn sbatax-il waħda biss tat-tip tagħha li kienu ġew mibnija fl-1937. Kien stmat li din il-karozza kellha ġġib aktar minn tliet miljun Ewro f'irkant.**

**Minbarra din il-karozza kien hemm ukoll żewġ karozzi oħra. Waħda *Aston Martin* u l-oħra *Jaguar E-Type.* Imma m'hemmx dubju li l-attrazzjoni prinċipali tal-kollezzjonisti tal-vetturi żgur li kellha tiffoka fuq il-*Bugatti,* li kellha tkun irkantata f'Pariġi, Franza.**

**Żgur li kellu jkun hemm taqtiegħa ħarxa għall-akkwist tal-*Bugatti*, kemm mill-mużewijiet kif ukoll minn kollezzjonisti privati. Tabilħaqq iffurtunat min, bla ħsieb, spiċċa miljunarju bla tbatija ta' xejn.**

*- Minn: Il-Paċi Magħkom , Mejju 2009*

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 5 L-Ippopotamu u l-Fekruna

**Il-ferħ tal-ippopotamu rnexxielu jibqa' ħaj wara l-qerda ta' *tsunami* li ħabat fuq il-kosta tal-Kenja. Dan l-ippopotamu sar ħaġa waħda ma' fekruna tal-baħar xiħa għakka, li kellha aktar minn mitt sena.**

**Il-ferħ tal-ippopotamu, li semmewh Owen, kien inġarr mal-ilmijiet lejn il-baħar. Il-mewġ tat-*tsunami* mbagħad reġa' tellgħu lura l-art, fejn xi ħaddiema salvawh.**

**"Ħaġa li ma titwemminx," qal dak li jieħu ħsieb il-park tal-annimali li hemm fil-qrib. "L-ippopotamu addottatu fekruna tal-baħar li żgur għandha 'l fuq minn mitt sena. Tidher tassew ferħana li tkun omm Owen."**

**"Fil-fatt il-ferħ kien mitluf għal kollox meta safa mingħajr omm. Beda jfittex xi omm oħra. Il-baħar waddab lil Owen fuq il-fekruna u dan mill-ewwel rabat qalbu magħha. Allaħares min jersaq lejn il-fekruna għax isir irrabjat u aggressiv, kif jagħmlu l-frieħ tal-ippopotamu kollha biex jipproteġu lil ommhom naturali."**

*Minn: R+M 2000 Aw-Sett 2007.*

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 6 L-Awtobijografija

**Illum nistgħu nirrikonoxxu l-fatt li l-awtobijografija hija ġeneru għalih u jidher ċar li f'Malta dan hu tip ta' kitba li qabad ċertu ritmu.**

**Min jikteb dan it-tip ta' ktieb ikun qed jikteb fl-ewwel persuna. L-awtur ikun qiegħed jikteb dwar il-ħajja tiegħu stess. Dan ma jeskludix li ċerti ħwejjeġ mill-ħajja ta' dak li jkun jibqgħu mistura għal dejjem. Għalhekk min hu xettiku għal dan it-tip ta' kitba ma jonqosx li joħroġ dan il-punt. Hemm imbagħad min isostni li min jikteb awtobijografija jippreżenta ruħu bħala l-eroj tas-sitwazzjoni.**

**L-awtobijografija m'għandhiex x'taqsam mal-bijografija għax din tal-aħħar hija meta l-awtur jifli u jikteb fuq ħajjet ħaddieħor.**

**S'issa donnu li f'Malta l-aktar komuni hija l-awtobijografija politika. Dan it-tip ta' awtobijografija jkollu mertu akbar meta d-dokumenti ta' xi istituzzjoni, bħal gvern, ma jkunux aċċessibbli għall-istoriċi.**

***- Minn: Il-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2008.***